



# SOMMARJU RAPPORT TAL-ATTIVITÀ ANNWALI 2019



eiopa

European Insurance and  
Occupational Pensions Authority

#PENSIONS #INSURANCE

<https://www.eiopa.europa.eu/>

Manuscript completed in June 2020

1st edition

Neither the European Insurance and Occupational Pensions Authority (EIOPA) nor any person acting on behalf of the EIOPA is responsible for the use that might be made of the following information.

Luxembourg: Publications Office of the European Union, 2020

Images copyright: Pages: cover page: AdobeStock; other images EIOPA/Joppen; All illustrations, copyright EIOPA

---

PDF ISBN 978-92-9473-253-8 ISSN 2529-5764 doi: 10.2854/940974 EI-AD-20-001-MT-N

© EIOPA, 2020

Reproduction is authorised provided the source is acknowledged.

For any use or reproduction of photos or other material that is not under the copyright of the EIOPA, permission must be sought directly from the copyright holders.

## BAĠIT



### EUR 27.1 miljun

60% mill-awtoritajiet tal-Istati Membri  
40% mill-KE

Proporzjon iddefinit mill-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA)



303 prodotti u servizzi fil-programm ta' ħidma  
91% imwettqa kif ippjanat  
100% tal-fondi assenjati (impenji implimentati)

## TEST TAL-ISTRESS FIS-SETTUR TAL-PENSJONIJET OKKUPAZZJONALI

inkluda valutazzjoni tal-esponimenti ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG)

19 il Pajjiż  
60% ad-DB Nazzjonali  
50% tas-setturi tad-DC Nazzjonali  
176 IORP



## L-EIOPA PPUBBLIKAT

6 Opinjonijiet  
2 Rakkomandazzjonijiet  
28 Rapport  
3 Linji gwida  
15 Konsultazzjoni pubblika




## Pubblikazzjonijiet ewlenin

Rapport dwar ix-Xejriet tal-Konsumatur  
Kwistjonijiet ta' Protezzjoni tal-Konsumatur fl-Assigurazzjoni tal-Ivvjaġġar  
Analitika tal-Big Data fl-Assigurazzjoni tal-Vetturi bil-mutur u tas-Saħħa  
Mudell ta' Rapporti tal-Benefiċċju tal-Pensjoni li jkun faċli biex jintuża

225 Impenn ta' diskors  
198 Żjara lill-EIOPA  
395 mistieden tal-Konferenza nnwali



## IMPENJATA MA' 53 KULLEĠĠ TA' SUPERVIŻURI



7 Spezzjonijiet konġunti fuq il-post  
22 Awtorità superviżorja Nazzjonali involuti b'mod attiv  
8 Impenji bilaterali ma' awtoritajiet superviżorji nazzjonali

Assistenza teknika lill-Kroazja

## KELMTEJN TA' QABEL MILL-PRESIDENT

Għandi l-pjaċir nippreżenta dan ir-rekord tal-kisbiet tal-EIOPA fl-2019.

Bħala parti mill-missjoni tagħna biex inrawmu approċċ komuni għas-superviżjoni, użajna firxa ta' għodod superviżorji, bħall-pjattaformi ta' kooperazzjoni tagħna li użajna biex nindirizzaw mudelli ta' negozju transkonfinali mhux sostenibbli.

Matul l-aħħar sena, saħħaħna wkoll il-ħidma tagħna dwar is-superviżjoni tat-twettiq tan-negozju sabiex il-konsumaturi jkunu protetti minn Prattiki kummerċjali ħżiena. Dan kien il-każ bl-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar. Permezz tar-rieżami tematiku tagħna, aħna identifikajna ċerti mudelli ta' negozju li jgħorru riskju akbar, u dan wassal għal tħassib superviżorju sinifikanti. Għalhekk aħna ħriġna twissija lill-assiguraturi u lill-intermedjarji tal-assigurazzjoni biex jindirizzaw kummissjonijiet għolja għal prodotti ta' assigurazzjoni tal-ivvjaġġar.



Permezz tax-xogħol kontinwu tagħna dwar it-tendenzi fl-imġiba tal-konsumaturi, identifikajna erba' oqsma li jeħtieġu aktar attenzjoni: assigurazzjoni tal-ħajja mibjugħa flimkien ma' ipoteki (punt fokali għalina fl-2020); prodotti marbuta ma' unitajiet; assigurazzjoni miżjuda; u għestjoni tal-pretensjonijiet fl-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur.

L-ambjent persistenti ta' rata tal-imġax baxxa kompli jikkawża sfidi għall-assiguraturi u l-fondi tal-pensjonijiet. Fil-qasam tal-assigurazzjoni, qed nindirizzaw din il-kwistjoni bħala parti mir-rieżami tagħna ta' Solvibbiltà

II. B'mod ġenerali, il-qafas ta' Solvibbiltà II huwa effettiv u jaħdem tajjeb. Għalhekk naraw l-eżitu tar-rieżami bħala evoluzzjoni aktar milli rivoluzzjoni.

Lil hinn mill-aġġustament meħtieġ tal-kalibrazzjoni tar-riskju tar-rata tal-imġax, aħna nimmiraw għal impatt ibbilanċjat tal-proposti tagħha. Qasam importanti ta' attenzjoni huwa l-proporzjonalità u l-EIOPA ressqet proposti li jimmiraw għal tnaqqis sostanzjali tar-rewkiżiti ta' rappurtar lil impriżi bi profil ta' riskju baxx.

L-ambjent ta' rati tal-imġax baxxi jippreżenta wkoll sfidi għal faddala. Fl-2019, komplejna naħdmu fuq il-mudell tar-Rapporti tal-Benefiċċju tal-Pensjoni li se jgħinu lill-IORPs jipprovdu informazzjoni ċara u informazzjoni lill-membri tal-iskema tal-pensjoni, u b'hekk il-membri jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati aħjar dwar it-tfaddil għall-irtirar tagħhom.

Biex jiġu appoġġjati aħjar faddala privati fil-kisba tal-għaniet tal-irtirar tagħhom, għandna nagħtu ħarsa wkoll lejn in-naħa tad-domanda, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Fl-2019, bdejna naħdmu fuq l-istandards tekniċi u pariri tekniċi għall-implimentazzjoni tal-Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP) u hija l-fehma tagħna li prodotti sempliċi, portabbli, diġitali l-ewwel bħal PEPP jista' jkollhom rwol importanti biex jgħinu lin-nies ifaddlu għall-irtirar tagħhom.

Filwaqt li d-diġitalizzazzjoni ġġib ħafna opportunitajiet għall-konsumaturi, din mhijex mingħajr riskju. Ir-rieżami tematiku tagħna dwar l-użu tal-analitika tal-big data fl-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur u tas-saħħa enfasizza kwistjonijiet marbuta mal-ġustizzja u l-etika. L-EIOPA qed teżamina dan f'aktar dettall permezz tal-grupp konsultattiv ta' esperti tagħna biex jassistina fl-iżvilupp ta' prinċipji ta' responsabbiltà diġitali fl-assigurazzjoni.



Id-diġitalizzazzjoni toħloq ukoll għadd dejjem jikber ta' attacchi ċibernetiċi. Fl-2019, l-EIOPA esplorat aktar is-suq tal-assigurazzjoni ċibernetika fl-Ewropa permezz ta' djalogu mal-industrija.

It-tibdil fil-klima ddomina l-aħbarijiet fl-2019. Il-ħidma tagħna f'dan il-qasam kienet tinkludi Opinjoni dwar kif jiġu integrati r-riskji relatati mal-klima f'Solvibbiltà II u, għall-ewwel darba, valutazzjoni ta' esponimenti ambjentali, soċjali u ta' governanza fit-test tal-istress tal-pensjonijiet okkupazzjonali. Fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika, nemmu bis-sħiħ li l-assiguraturi għandhom rwol ta' intendenza biex jikkontribwixxu għall-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, permezz tal-attivajiet ta' investment u sottoskrizzjoni tagħhom. Bħala investituri fit-tul, il-fondi tal-pensjoni wkoll jista' jkollhom rwol simili.

Filwaqt li l-katastrofi naturali u s-sigurtà ċibernetika huma żewġ tipi differenti ħafna ta' riskju, dawn għandhom xi ħaġa komuni: dawn jagħtu ftit attenzjoni lill-fruntieri u għandhom il-potenzjal li jikkawżaw taqlib serju u li jiswa l-flus għall-unitajiet domestiċi, għan-negozji u għas-sistema finanzjarja. Biex nindirizzaw dawn l-isfidi globali, l-EIOPA temmen li aħna – is-superviżuri, l-industrija u l-awtoritajiet pubbliċi – għandna naġixxu flimkien. Approċċ miftiehem ser jirriżulta f'rispons aktar b'saħħtu b'suċċess akbar.

Il-kisbiet tagħna fl-2019 kienu wkoll ir-riżultat ta' appoġġ kontinwu minn u kooperazzjoni mal-Bord tas-Superviżuri tagħna u l-istituzzjonijiet Ewropej, kif ukoll id-djalogu kontinwu tagħna mal-konsumaturi, l-industrija u partijiet ikkonċernati oħra permezz tal-Gruppi tal-Partijiet Ikkonċernati tagħna u l-approċċi konsultattivi tagħna u f'dan ir-rigward, ninsab ħerqan għal kooperazzjoni kontinwa sabiex inkunu nistgħu nissodisfaw il-mandat tagħna.

Hekk kif inħarsu 'l quddiem, l-EIOPA se tkompli twestaq il-missjoni tagħha iżda f'ambjent iddominat mit-tifqigħa tal-Coronavirus.

F'dan ir-rigward, l-enfasi tagħna se tkompli tkun fuq il-protezzjoni tal-konsumatur u l-istabbiltà finanzjarja tas-settur tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet, b'mod partikolari sabiex is-settur jibqa' reżiljenti, ġust u kapaċi jirkupra. Biex jinkiseb dan, se nkomplu nappoġġjaw l-inizjattivi tal-Kummissjoni Ewropea biex nilħqu l-patt ekoloġiku Ewropew, Ewropa adattata għall-era diġitali u ekonomija li taħdem għan-nies.

B'dan il-mod, niżguraw li l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet ikunu fiċ-ċentru tas-settur finanzjarju sod tal-Ewropa li, min-naħa tiegħu, huwa għas-servizz taċ-ċittadini tagħna.

Gabriel Bernardino

## KELMTEJN TA' QABEL MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV

L-għan tagħna fl-2019 kien li naħdmu bħala organizzazzjoni effiċjenti u effettiva fit-twettiq tal-kompiti li ngħatajna mandat għalihom u ninsab kuntent li nista' ngħid li b'mod ġenerali lħaqna dan l-għan, u b'hekk ksibna l-indikaturi ta' prestazzjoni ewlenin kollha. Wettaqna standard għoli fl-erba' prijoritajiet strateġiċi kollha, kif ukoll fit-temi trasversali ta' finanzjament sostenibbli u l-InsurTech.



Forza tax-xogħol professjonali, kompetenti u impenjata ssaħħaħ il-kapaċità tagħna li nwettqu. Biex napoġġjaw l-iżvilupp ulterjuri tar-riżorsi umani tagħna, komplejna nimplimentaw il-qafas ta' kompetenza u nintegrawh f'diversi funzjonijiet u proċessi. L-organizzazzjoni tagħna kibret minn 158 għal 166 membru tal-persunal, bi kważi 80 % tal-persunal assenjat għal attivitajiet ewlenin tan-negozju.

Il-kapaċità tagħna li nrispondu malajr għall-prijoritajiet li qed jinbidlu, tappoġġja wkoll il-kapaċità tagħna li nwettqu. L-inċertezza dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea kienet teħtieġ li l-Awtorità tibqa' fi stat kostanti ta' tlestija għal rispons operazzjonali fil-każ li ma jintlaħaq l-ebda ftehim politiku dwar ir-relazzjoni futura.

Fit-tieni nofs tal-2019, wara l-konklużjoni tar-rieżami tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, l-EIOPA rrieżaminat, emendat u abbozzat regoli ta' proċedura biex tiżgura li tkun lesta tassumi kompiti u setgħat ġodda minn Jannar 2020.

L-EIOPA laqgħet l-adozzjoni tal-proposta leġiżlattiva għal prodott tal-pensjoni personali pan-Ewropew (PEPP) u immedjatament bdiet il-ħidma dwar it-tħejjija ta' regolamentazzjoni ta' appoġġ biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-PEPP. L-EIOPA bdiet ukoll il-ħidma fuq il-proċessi ġodda u s-soluzzjonijiet tal-IT meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-prodotti u għas-sorveljanza tas-superviżjoni nazzjonali.

Matul is-sena, l-Awtorità wettqet użu effettiv u responsabbli tar-riżorsi. Il-baġit operattiv tal-Awtorità fl-2019 kien ta' EUR 27.1 miljun u sal-aħħar tas-sena, implimentajna 100 % tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u 85.6 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament.

L-EIOPA twettaq l-operazzjonijiet tagħha f'konformità sħiħa mar-regolamenti tal-UE, b'ħidma b'mod miftuħ u trasparenti. Bħala parti mill-obbligu ta' rendikont tagħna, aħna s-suġġett ta' awditi annwali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni Ewropea u l-awditur intern tagħna stess. L-EIOPA tilqa' l-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet Ewropej kollha u pparteċipat regolarment f'laqgħat ta' skrutinju tal-Parlament Ewropew inkluż, f'Novembru 2019, seduta ta' smiġh quddiem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament Ewropew.

Bħala parti mill-isforz kontinwu tagħna għall-effiċjenza, l-EIOPA implimentat ukoll e-soluzzjonijiet, b'mod partikolari fi proċessi amministrattivi. Sar aktar progress fit-tranżizzjoni lejn is-sistemi tal-Kummissjoni Ewropea għall-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-ġestjoni tal-missjonijiet.

L-Awtorità ħadmet ukoll ma' aġenziji oħra tal-UE fil-qasam tal-akkwist biex jinkisbu ekonomiji ta' skala.

B'hal fi snin preċedenti, aħna bbenifikajna minn kooperazzjoni mill-qrib mal-kontropartijiet fl-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u relazzjoni produttiva mal-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-Bord tas-Superviżuri tagħna.

Aħna komplejna nfiċċu wkoll l-input minn għażla wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati biex ninfurmaw il-ħidma tagħna, b'mod partikolari permezz tal-gruppi ta' partijiet ikkonċernati tagħna, kif ukoll permezz ta' konsultazzjonijiet u avvenimenti.

B'ħala organizzazzjoni, aħna impenjati li naħdmu b'mod sostenibbli u għall-ewwel darba dan ir-rapport fih dikjarazzjoni dwar il-ġestjoni ambjentali tagħna. L-introduzzjoni ta' e-flussi ta' xogħol biex jitnaqqas l-użu tal-karti u t-titjib tal-faċilitajiet tal-vidjokonferenzi biex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni mill-bogħod f'workshops u avvenimenti huma żewġ eżempji ta' azzjonijiet li ħadna fl-2019 biex innaqqsu l-impatt ambjentali tagħna. Dawn iż-żewġ azzjonijiet għamlu xogħolna aktar faċli, b'mod partikolari minħabba li bdejna naħdmu mid-dar għal perjodu twil fl-2020.

Fil-fatt, meta nħarsu 'l quddiem, se jkollna nadattaw il-ħidma tagħna u l-modi kif naħdmu għall-isfidi l-ġodda: responsabbiltajiet li joħorġu mir-rieżami tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej; it-tfixkil fl-ekonomija kkawżat mill-pandemija tal-Coronavirus; u l-adattament tal-post tax-xogħol tagħna għall-ambjent ta' wara l-Coronavirus.

Nixtieq nestendi r-ringrazzjament tiegħi lill-persunal tal-EIOPA u lill-kollegi mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-Bord tas-Superviżuri u l-Bord tat-Tmexxija għall-kontribuzzjoni siewja tagħhom lill-ħidma tagħna. Bl-impenn kontinwu tagħhom, jien ċert li ser inkunu nistgħu nindirizzaw l-isfidi msemmija hawn fuq. B'dan il-mod, nistgħu nkomplu nrawmu setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet okkupazzjonali b'saħħithom u reżiljenti fl-Ewropa li jibbenefikaw minnhom in-nies, in-negozji u l-ekonomiji fl-Ewropa kollha.

Fausto Parente

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Fl-2019, l-EIOPA kompliet taqdi rwol essenzjali fis-superviżjoni tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet fl-Ewropa, b'ħidma mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali, l-istituzzjonijiet Ewropej u partijiet ikkonċernti oħra biex tissodisfa l-obiettivi strateġiċi stabbiliti fil-programm ta' ħidma annwali tagħha għall-2019.

### **Tmexxija 'l quddiem ta' superviżjoni u regolamentazzjoni tat-tmexxija tan-negozju**

Permezz tar-Regolament tagħha, l-EIOPA għandha mandat biex tieħu rwol ewlieni fil-promozzjoni tat-trasparenza, tas-sempliċità u tal-ġustizzja fis-suq intern kollu. Il-bini ta' qafas regulatorju sod huwa essenzjali għal dan.

Fil-kuntest tad-Direttiva dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni (IDD), l-EIOPA ħadmet fuq għadd ta' riżultati tanġibbli, inkluż eżami ta' regoli ġenerali tajba u r-rieżami tad-Deċiżjoni dwar il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

Matul is-sena, l-EIOPA saħħet b'mod sinifikanti l-ħidma tagħha dwar is-superviżjoni tat-tmexxija tan-negozju. Eżempju ta' dan huwa l-introduzzjoni ta' żjarat lill-awtor-

itajiet superviżorji nazzjonali. L-EIOPA kompliet twettaq attivitajiet ta' monitoraġġ tas-suq, notevolment permezz tar-rapporti tagħha dwar ix-xejriet tal-konsumatur.

Rieżami tematiku dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur fl-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar żvela li xi mudelli ta' negozju jgħorru riskji oġġa ta' mġiba, inklużi strutturi ta' remunerazzjoni bbażati fuq kummissjonijiet għoljin ħafna, li spiss jirriżultaw f'detriment għall-konsumatur. Bħala riżultat ta' dan ir-rieżami, l-EIOPA ħarġet twissija lill-assiguraturi u lill-intermedjarji tal-assigurazzjoni biex jindirizzaw il-kummissjonijiet għolja relatati ma' prodotti tal-assigurazzjoni tal-ivvjaġġar.

Fl-2019 l-EIOPA ppubblikat l-ewwel Rapport tagħha dwar l-Ispejjeż u r-Rendiment fil-Passat tal-prodotti tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet. Ir-rapport wera li l-ispejjeż ivarjaw skont it-tip ta' prodott, il-primjum, il-kategorija tar-riskju u l-ġurisdizzjoni, iżda wkoll li minħabba d-differenzi bejn il-prodotti, hemm sfidi sinifikanti fit-tqabbil tal-prestazzjoni.

### **It-tmexxija ta' konverġenza lejn superviżjoni prudenzjali ta' kwalità għolja**

Il-kisba ta' approċċ Ewropew komuni għas-superviżjoni hija ċentrali għall-ħidma tal-EIOPA.

Fl-2019, l-EIOPA wettqet ħidma konsiderevoli bħala parti mir-rieżami ta' Solvibilità II tal-2020. Ir-rieżami se jiżgura li r-reg-





olamentazzjoni ewlenija tibqa' adattata għall-iskop maħsub tagħha.

Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali – id-Direttiva IORP II, l-EIOPA ffokat il-ħidma tagħha fuq il-kisba tal-applikazzjoni proporzjonali u rilevanti tal-IORP II fl-Ewropa kollha.

L-EIOPA ħadmet ukoll fuq l-iżvilupp ta' mudelli ta' rapporti tal-benefiċċju tal-pensjoni biex tgħin lill-membri jiksbu idea aħjar tal-fond tal-pensjoni tagħhom u d-dħul li jistgħu jirċievu meta jirtiraw.

Fi Frar 2019, intlaħaq ftehim politiku mill-Parlament Ewropew u mill-Istati Membri dwar il-proposta għal Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP). Fid-dawl ta' dan, l-EIOPA bdiet tiżviluppa għadd ta' riżultati tanġibbli tekniċi speċifiċi tal-PEPP f'konformità mar-Regolament tal-PEPP.

Mil-lat internazzjonali, l-EIOPA kkontribwixxiet għall-adozzjoni f'Novembru 2019 tal-ewwel oqfsa globali għas-superviżjoni ta' gruppi tal-assigurazzjoni attivi internazzjonalment, inkluża l-Verżjoni 2.0 tal-Istandard tal-Kapital tal-Assigurazzjoni, u għall-mitigazzjoni tar-riskju sistemiku fis-settur tal-assigurazzjoni. Matul is-sena, l-EIOPA kompliet tibni approċċ konsistenti għas-superviżjoni u tippromwovi prattiki superviżorji konsistenti permezz tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' konverġenza superviżorja tagħha. L-oqfsa ta' prijorità kienu l-applikazzjoni tal-proporzjonalità, is-superviżjoni tal-mudelli interni u s-superviżjoni tan-negozju transkonfinali.

L-EIOPA stabbilixxiet aktar pjattaformi ta' kooperazzjoni transkonfinali biex issaħħaħ il-kooperazzjoni aktar b'saħħitha u aktar f'waqtha bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (NCAs) dwar każijiet transkonfinali konkreti, li jippermettu identifikazzjoni u valutazzjoni aktar mgħaġġ-la tar-riskji fin-negozju transkonfinali.

L-EIOPA ħadmet ukoll fuq żewġ rieżamijiet bejn il-pari addizzjonali, rigward ir-rapport superviżorju regolari u l-kooperazzjoni min-NCAs fin-negozju transkonfinali.

Matul l-2019 l-EIOPA kompliet tagħti attenzjoni mill-qrib lill-iżviluppi u l-impatt potenzjali tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, filwaqt li appellat lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali biex inaqqsu d-detriment għad-denturi ta' polza tal-assigurazzjoni u għall-benefiċjarji tal-assigurazzjoni.

## **It-tisħiħ tal-istabbiltà finanzjarja tas-setturi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet okkupazzjonali**

L-EIOPA kompliet tidentifika x-xejriet u r-riskji potenzjali u l-vulnerabbiltajiet li jista' jkollhom effett negattiv fuq is-setturi tal-pensjonijiet u tal-assigurazzjoni fl-Ewropa kollha. Bħala parti minn din il-ħidma, matul din is-sena, l-EIOPA ppubblikat statistika dwar l-assigurazzjoni u l-pensjonijiet okkupazzjonali, inkluż it-tieni Farsa Ġenerali Annwali lejn l-Assigurazzjoni, it-tabella operattiva tar-riskji fuq bażi trimestrali u r-rapport dwar l-istabbiltà finanzjarja darbtejn fis-sena. Sfida ewlenija tkompli tkun l-ambjent b'rendiment baxx fit-tul.

Fl-2019, l-EIOPA wettqet ukoll test tal-istress dwar is-settur tal-pensjonijiet okkupazzjonali. Is-sejbiet urew li x-xenarju avvers applikat għat-test iħassar kważi kwart tal-valur tal-assi ta' investment tal-kampjun, li jwassal għal tnaqqis sostanzjali fil-benefiċċji.

Għall-ewwel darba, it-test tal-istress kien jinkludi valutazzjoni ta' esponimenti ambjentali, soċjali u ta' governanza. It-test jixħet dawl fuq il-ġestjoni attwali u l-kunsiderazzjoni ta' fatturi ESG fis-settur tal-pensjonijiet okkupazzjonali.

B'mod ġenerali, hemm marka tal-karbonju għolja, relativa għall-ekonomija tal-UE, fl-investimenti fl-ekwità tal-kampjun. Barra minn hekk, il-maġġoranza tal-fondi parteċipanti jqisu l-fatturi ESG, iżda xorta waħda inqas minn 20 % tal-kampjun attwalment jivvalutaw l-impatt tal-fatturi ESG fuq ir-riskji u r-redditi.

L-EIOPA nediet ukoll konsultazzjoni dwar l-istabbiliment ta' network Ewropew ta' skemi nazzjonali ta' garanzija tal-assigurazzjoni, li huma armonizzati biżżejjed u ffinanzjati b'mod adegwat.

## **Temj trażversali**

L-EIOPA kompliet il-ħidma tagħha fil-qasam tal-finanzi sostenibbli. Dan kien jinkludi l-appoġġ għall-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli tal-Kummissjoni Ewropea, kif ukoll il-pubblikazzjoni ta' Opinjoni li tindirizza l-integrazzjoni tar-riskji relatati mal-klima f'Solvibbiltà II.

Fl-oqfsa ta' InsurTech, id-diġitalizzazzjoni u r-reżiljenza ċibernetika, l-EIOPA wettqet ħidma f'aspetti differenti tal-finanzi diġitali. Din kienet tinkludi l-esternalizzazzjoni għall-cloud, l-intelliġenza artifiċjali u l-Big Data, bl-għan li tiġi promossa l-konverġenza superviżorja, filwaqt li jiġu ffaċilitati kundizzjonijiet ekwi bbażati fuq il-prinċipju tal-proporzjonalità u jiġi segwit approċċ newtrali fir-rigward tat-teknoloġija għall-innovazzjoni finanzjarja. Fl-

2019, bħala segwitu għar-rieżami tematiku dwar l-użu ta' Analitika ta' Big Data (BDA) fl-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur u tas-saħħa, l-EIOPA stabbilixxiet grupp konsultattiv ta' esperti biex jassisti lill-EIOPA fl-iżvilupp ta' prinċipji ta' responsabbiltà diġitali għas-settur tal-assigurazzjoni.

Fir-rapport tagħha dwar ir-riskji Ċibernetiċi għall-assiguraturi, l-EIOPA sabet li l-ekonomija diġitali u l-avvanz tat-teknoloġija joffru opportunitajiet lil sottoskritturi ċibernetiċi. Kopertura tal-assigurazzjoni ċibernetika xierqa tista' tagħti kontribut siewi lill-ġestjoni tar-riskju ċibernetiku li jħabbtu wiċċhom miegħu n-negozji u l-klijenti. Suq tal-assigurazzjoni ċibernetika żviluppat sew jista' jkollu rwol ewlieni biex jippermetti t-trasformazzjoni fl-ekonomija diġitali.

#### **Twettiq tal-mandat b'mod effettiv u effiċjenti**

---

Fl-2019, l-EIOPA kompliet topera bħala organizzazzjoni effettiva u effiċjenti, filwaqt li fl-istess ħin fittxet titjib ulterjuri fil-proċessi amministrattivi.



## GETTING IN TOUCH WITH THE EU

### In person

All over the European Union there are hundreds of Europe Direct information centres. You can find the address of the centre nearest you at: [https://europa.eu/european-union/contact\\_en](https://europa.eu/european-union/contact_en)

### KIF TIKKUNTATTJA LILL-UE

#### Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik f'dan is-sit: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

#### Bit-telefown jew bil-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb il-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja dan is-servizz:

- bit-telefown bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (ċerti operaturi jafu jimponu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq dan in-numru standard: +32 22999696, jew
- bil-posta elettronika permezz: [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)

### KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

#### Onlajn

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: [https://europa.eu/european-union/index\\_mt](https://europa.eu/european-union/index_mt)

#### Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel mill-internet jew tordna l-pubblikazzjonijiet tal-UE, li xi wħud minnhom huma bla ħlas u xi oħrajn bil-ħlas, minn: <https://op.europa.eu/mt/publications>. Kopji multipli ta' publikazzjonijiet bla ħlas tista' taksibhom billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru tal-informazzjoni lokali tiegħek (ara [https://europa.eu/european-union/contact\\_mt](https://europa.eu/european-union/contact_mt)).

#### Il-liġi tal-UE u dokumenti relatati

Għal aċċess għall-informazzjoni legali tal-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 'l hawn, fil-verżjonijiet lingwistiċi uffiċjali kollha, żur is-sit EUR-Lex hawnhekk: <http://eur-lex.europa.eu>

#### Dejta Miftuħa mill-UE

Il-portal tad-Dejta Miftuħa mill-UE (<http://data.europa.eu/euodp/mt>) jipprovdi aċċess għal settijiet tad-dejta mill-UE. Id-dejta tista' titniżżel mill-internet u tintuża mill-ġdid bla ħlas, kemm għal skopijiet kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.

**EUROPEAN INSURANCE AND  
OCCUPATIONAL PENSIONS AUTHORITY**

Westhafenplatz 1,  
60327 Frankfurt am Main, Germany

<https://www.eiopa.europa.eu/>



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea

ISBN 978-92-9473-253-8  
ISSN 2529-5764